**Flixkun li tbierek**

Narak hekk ċkejken ċkejken
Flixkun ħelu tat-tberik,
Min jaf kemm fl-isptar tagħna
Bil-wisq ħrara jistennik.

Għax int bla ħafna pompi
Tabqad tidħol kullimkien,
Int xmara li taf tfarraġ
Tisma' sieket, tagħti s-sliem.

Sew lil hinn mill-paroli
Ta' min juri biss kemm jaf,
Int b'dik ħarstek hekk umli
Iddewweb qalb li tixraf.

U dak l-ilma rqajjaq, fin
Li titfa' fuq min jarak,
Kemm fis-skiet bikkejt b'sogħba
Lil min b'idejh daħal f'sqaq!

O flixkun bil-wisq fidil
Kemm qed terfa' piż għoli,
Ta' min medd għonqu għax-xogħol
Li bih isalvaw popli.

Għax meta ssalva mqar ruħ
Id-dinja tiskot għamja,
Mhux hekk l-eluf tal-anġli
Fis-sema jgħannu l-għanja:

"Sebħ lil Alla Trinità
Li ħsiebu hu li jxierek,
B'kollox jaħdem w jinqeda
Bi flixkun li bih jbierek".

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.